## Il-Proġett

Il-proġett **ECVET għall-Permjabilita` u t-Trasferabilita` bejn is-Sistema tal-VET Formali u Mhux Formali (ECVET Permit)** għandu l-għan li jimplimenta l-metodoloġija tas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) fil-kurrikuli tal-programmi tal-istudju tal-VET fi ħdan is-sistema formali u mhux formali tal-VET, f'livell nazzjonali u tal-UE, fi sforz biex tikber il-permjabilita` u t-trasferabilita` tar-riżultati tat-tagħlim akwistati f'kuntesti ta' tagħlim differenti.

B'mod speċifiku l-proġett għandu l-għan li japplika l-metodologija ECVET biex jiddiskrivi, jassessja u jivvalida r-riżultati tat-tagħlim fil-programmi tal-istudju tal-VET tat-tliet speċjalizzazzjonijiet tekniċi mhux formali li huma: (1) Elektrixin, (2) Plamer, (3) Mekkanik tal-Karozzi. Dan isir biex jittestja t-transferabilita` tal-krediti mis-sistema tal-VET mhux formali għal dik formali, l-ewwel nett fuq skala nazzjonali u t-tieni nett fuq livell Ewropew.

## Ħarsa fuq fuq tal-qagħda tal-Proġett

Il-proġett ECVET PERMIT jasal fi tmiemu f'Diċembru 2016, wara 24 xahar ta' ħidma qawwija. Waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-proġett kienet it-tisrif ta' għażla ta' programmi ta' studju ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali formali u mhux formali tal-VET għas-sistema ECVET. Il-programmi ta' studju li ssarrfu jidhru fit-tabella hawn taħt. Il-programmi nġabru tnejn tnejn u tqabblu mit-tnejn li jipprovdu VET, u junits komuni ta' riżultati tat-tagħlim ġew identifikati għat-trasferiment tal-krediti bl-użu tal-ECVET.

| **Titlu tal-Programm** | | **Min jipprovdi VET** |
|---|---|---|
| Diploma in Automotive Engineering | EQF 5, 2 years – full time | Intercollege |
| Automotive Technician | EQF 4, 6 months acceleration programme | CPC |
| Mechatronics Technician | EQF 5, 2 years – full time plus 6 months practical training | IIEK DELTA |
| MCAST Advanced Diploma in Light Vehicle Maintenance | EQF 4, 2 years on apprenticeship– full time | MCAST |
| Diploma in Mechanical Installations and Technology | EQF 5, 2 years – full time | Intercollege |
| Plumbing and Heating Technician | EQF 4, 6 months acceleration programme | CPC |
| Domestic Electrical Installations Technician | EQF 5, 2 years – full time plus 6 months practical training | IIEK DELTA |
| MCAST Advanced Diploma in Electrical Systems | EQF 4, 2 years on apprenticeship – full time | MCAST |

## Partners

**Intercollege**
**Ċipru**
papaloizou.l@intercollege.ac.cy
www.intercollege.ac.cy

**CPC - Cyprus Productivity Centre**
Ċipru
ghorattas@kepa.mlsi.gov.cy
www.mlsi.gov.cy

**HRDA - Human Resources Development Authority of Cyprus**
Ċipru
i.zenios@hrdauth.org.cy
www.hrdauth.org.cy

**IDEC**
Il-Greċja
natassa@idec.gr
www.idec.gr

**IIEK DELTA**
Il-Greċja
kkiousis@delta-iek.gr
www.delta-iek.gr

**MCAST - Malta College of Arts, Science and Technology**
Malta
joshua.Bugeja@mcast.edu.mt
www.mcast.edu.mt

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

## Il-Manwal tal-ECVET PERMIT

Output ewlieni tal-proġett huwa l-iżvilupp tal-**Manwal tal-ECVET għal min Jipprovdi VET**. L-għan tal-Manwal hu li jipprovdi informazzjoni u gwida prattika għall-implimentazzjoni tal-ECVET minn dawk li jipprovdu VET fi ħdan is-settur ta' tagħlim formali u mhux formali. Il-Manwal joffri perspettiva dettaljata fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija tal-ECVET Permit b'informazzjoni prattika u b'eżempji reali matul l-implimentazzjoni tal-proġett tal-ECVET Permit.

Il-Manwal jiswa mitqlu deheb għall-istaff ta' min jipprovdi VET bħal:

- kordinaturi tal-programm VET
- żviluppaturi tal-kurrikulu
- għalliema u trainers
- uffiċjali tal-kwalità
- uffiċjali tal-mobilità internazzjonali responsabbli mill-mobilità tal-istudent.

Il-Manwal se jinħareġ bl-Ingliż u l-Grieg f'format elettroniku fil-websajt tal-proġett f'Diċembru 2016: http://www.intercollege.ac.cy/euro-affairs/european-projects/ecvet-permit/

## Il-Metodoloġija tal-ECVET PERMIT

Il-metodoloġija tal-ECVET Permit ikkonsidrata għall-bini ta' sħubija ECVET bejn dawk li jipprovdu VET għall-permjabilità u t-trasferabilità bejn is-settur formali u mhux formali tista' tinġabar f'dawn it-tliet passi distinti. Kull pass huwa analizzat f'aktar dettall fil-Manwal tal-ECVET PERMIT.




*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

ecvet permit

## Eżempji minn Programmi VET Tradizzjonali għall Junits ta' Riżultati tat-Tagħlim

Hawn taħt hawn żewġ eżempji mill-proċess ta' konverżjoni tal-proġett ECVET Permit. L-ewwel eżempju juri l-bidla tal-junit qabel u wara l-proċess ta' konverżjoni, u kif l-oġġettivi tal-junits ta' taħriġ inbidlu f'riżultati ta' tagħlim. It-tieni eżempju jippreżenta junit ECVET ikkonvertit u l-formulazzjoni ta' riżultati tat-tagħlim speċifiċi u l-kategorizzazzjoni tagħhom f'għarfien, ħiliet u kompetenzi.

### Eżempju 1: Oġġettivi ta' Junit (qabel il-konverżjoni) u Riżultati tat-Tagħlim (wara l-konverżjoni)

| | Qabel il-Konverżjoni | Wara l-Konverżjoni |
|---|---|---|
| **AUTO-100 Internal Combustion Engines I** | • Kisba ta' għerf dwar tipi varji ta' magni li jaħdmu bil-kombustjoni interna<br>• Tagħlim dwar is-sottosistemi varji ta' magna bil-kombustjoni interna<br>• Fehim ta' kunċetti u kwantitajiet fiżiċi meħtieġa għal dan is-suġġett<br>• Familjarizzazzjoni u identifikazzjoni ta' partijiet bażiċi ta' magna f'workshops. | Sa tmiem il-junit l-istudent għandu jkollu ħila:<br>1. Jifhem iċ-ċikli tal-Otto u d-Diżil tal-magni b'kombustjoni interna<br>2. Jiddiskrivi t-tipi differenti ta' sistemi ta' timing tal-valvs.<br>3. Jidentifka l-partijiet ewlenin tal-magna waqt workshops prattiċi |

Sors: Proġett ECVET Permit - Intercollege

Erasmus+
*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

**Eżempju 2: Junit ECVET Ikkonvertit f'kategoriji ta' Riżultati tat-Tagħlim**

| Riżultati tat-Tagħlim<br>Sa tmiem dan il-junit student għandu jkollu ħila: | | |
|---|---|---|
| 1. Jifhem iċ-ċikli tal-Otto u d-Diżil tal-magni b'kombustjoni interna | Għ (K) | • Ikollu ħila jiddiskrivi ċ-ċiklu ta' operazzjoni ta' magni bil-kombustjoni interna differenti (petrol u diżil)<br>• Ikollu ħila jiddiskrivi magni two stroke u four stroke<br>• Jifhem dijagrammi ta' pressjoni-volum |
| 2. Jiddiskrivi t-tipi differenti ta' sistemi ta' timing tal-valvs. | Għ (K) | • Jifhem metodi ta' timing ta' valv (katina, ingranaġġ u ċineg)<br>• Jifhem il-prinċipji ta' timing ta' valv varjabbli |
| | Ħ (S) | • Jiġbor informazzjoni minn dijagramm ta' timing ta' valv |
| | K (C) | • Jieħu qisien f'workshop u jaġġusta l-valve/cam clearance |
| 3. Jidentifka l-partijiet ewlenin tal-magna waqt workshops prattiċi | Għ (K) | • Ikollu ħila jidentifika fejn jinsab kull komponent f'magna ta' kombustjoni interna |
| | Ħ (S) | • Ikollu ħila jagħżel dawk l-għodda u l-apparat meħtieġa biex isir ix-xogħol<br>• Ikollu ħila jidentifika partijiet mikula li jeħtieġu jinbidlu |
| | K (C) | • Iżarma u jarma magna tal-kombustjoni interna<br>• Iqis il-qawwa tal-magna (ċilindrata) f'workshop<br>• Jimmaġina kif tista' tidher ħaġa wara li titħarrek jew meta jitneħħew jew jitranġaw il-partijiet tagħha<br>• Ikollu ħila juża softwer biex jgħinu jutilizza metodoloġiji korretti/adattati biex jarma u jżarma magna |

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

ecvet permit

## Aħbarijiet tal-Proġett

### Ir-Raba' laqgħa tal-imsieħba transnazzjonali f'Ateni 3-4/11/2016

Ir-raba' laqgħa tal-imsieħba transnazzjonali saret Ateni, il-Greċja. L-imsieħba Griegi IIEK Delta u IDEC ħadu ħsieb jorganizzaw il-laqgħa u l-faċilitajiet b'mod eċċellenti, u l-laqgħa kienet tassew produttiva.

L-għan tar-raba' laqgħa kien li jiġi ffinalizzat l-pjan t'azzjoni, jiġu organizzati workshops u jiġi ppreparat ir-rapport finali.

Il-progress tar-Rapport skont l-output:

IO1 – Linjigwida Metodoloġiċi Komuni għall-Implimentazzjoni tal-ECVET fi ħdan is-Sistema VET Formali u Mhux Formali kienu ffinalizzati.
IO2 – Il-Manwal għall-konverżjoni tal-Kurrikulu tat-Taħriġ ECVET fi ħdan is-sistema VET Formali u Mhux Formali. Jonqos li jiġi rrivedut darba oħra tal-aħħar.
IO3 – Ir-Rapport tas-Sintesi: It-Tfassil tal-Kurrikulu fi ħdan il-Qafas tal-ECVET kien iffinalizzat.
IO4 – Konverżjoni ta' 8 programmi ta' Studju VET – 2 minn kull wieħed li jipprovdi VET – mis-sistema VET formali u mhux formali għal sistema ECVET kienet iffinalizzata. It-template teħtieġ tiġi ffinalizzata.
IO5 – Proċess ta' Validazzjoni u Assessjar Komuni għat-Trasferiment tal-Kretti bejn is-Sistema VET Formali u mhux Formali. Se jiġu provduti żewġ rapporti finali, wieħed għall-Intercollege -CPC u ieħor għall-MCAST – IIEK DELTA.



### Il-Proġett ECVET PERMIT fil-Forum Annwali tal-ECVET 2016

Il-Proġett ECVET PERMIT kien wieħed mit-tliet proġetti Ewropej ippreżentati waqt il-Forum Annwali tal-ECVET li sar Ruma fil-11 t'Ottubru 2016. Il-Forum Annwali tal-ECVET, li hu organizzat mis-segretarjat tal-ECVET, hu okkażjoni fejn tinġabar informazzjoni u jinqasmu ideat u esperjenzi dwar kif studenti, ħaddiema, dawk li jħaddmu u dawk li jipprovdu VET jistgħu jibbenefikaw mill-użu tal-ECVET. It-topik ta' dan il-Forum kien "Mogħdijiet flessibbli għal ħiliet vokazzjonali". Il-Forum Annwali laqqa' 'l fuq minn 250 policy maker, esperti tal-ECVET, imsieħba soċjali u prattikanti tal-VET biex jiddiskutu kif jista' jkun żviluppat l-ECVET fil-kuntest tal-Aġenda ta' Ħiliet Ġodda għall-Ewropa, biex tagħmel mogħdijiet vokazzjonali aktar aċċessibbli u flessibbli. Dan kien diskuss abbażi ta' esperjenzi u sfidi marbuta ma' oqsma bħalma hu tagħlim ibbażat fuq xogħol, taħriġ mill-ġdid u titjieb tal-ħiliet ta' adulti jew il-validizzjoni tal-ħiliet akkwistati minn għarfien personali f'ambjenti ta' tagħlim differenti. Il-Forum Annwali kien opportunità ta' aktar tagħlim dwar il-progress tal-ECVET f'pajjiżi Ewropej differenti, qsim ta' modi prattiċi u esperjenzi dwar kif taħdem bl-ECVET u toħloq kuntatt ma' parteċipanti oħra. Il-preżentazzjoni tal-Proġett saret mis-Sinjura Yianna Orphanidou mill-Intercollege. Aktar informazzjoni dwar dan l-avviniment tinsab hawn: http://www.ecvet-secretariat.eu/en/training-and-events/11-october-2016-ecvet-annual-forum




L-ECVET PERMIT deher fl-ECVET Magazine fil-ħarġa ta' Ottubru 2016. L-ECVET Magazine jiġi ppubblikat darbtejn fis-sena mis-Segretarjat tal-ECVET. Tista' taqra l-artiklu dwar ECVET Permit hawn: http://www.ecvet-secretariat.eu/en/system/files/magazines/en/ECVET%20Magazine%20Issue%2026%20-%20October%202016.pdf

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

# Ir-Raba' Bullettin, Novembru 2016

http://www.intercollege.ac.cy/euro-affairs/european-projects/ecvet-permit/

## Aħbarijiet tal-Proġett

### Preżentazzjoni tal-proġett waqt il-konferenza "Kwalità fl-Edukazzjoni – Ħolqa għas-Suq tax-Xogħol"

IDEC u IIEK DELTA ppreżentaw il-proġett ECVET PERMIT waqt konferenza Ateni, nhar it-Tlieta 5 ta' Lulju 2016. Il-konferenza kienet organizzata minn IDEC u ttrattat punti marbuta mal-assigurazzjoni tal-kwalità ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, ir-rabta bejn il-profili tax-xogħol u kurrikuli ta' taħriġ, mobilità transnazzjonali, sistemi ta' trasferiment ta' kretti u tagħlim ibbażat fuq xogħol. Il-parteċipanti waqt il-konferenza kienu: parteċipanti interessati fil-VET, organizzazzjonijiet ta' taħriġ, u kumpaniji li jipprovdu opportunitajiet ibbażati fuq xogħol – b'kollox madwar 80 persuna.



### Ftuħ ta' Komunità ta' Prattika tal-ECVET

IDEC bdiet Komunità ta' Prattika msejħa "ECVET – European Credit Transfer and Accumulation System". Il-grupp hu għal dawk li qegħdin jaħdmu fuq proġetti tal-ECVET u jixtiequ jaqsmu l-esperjenzi, il-prattiċi u l-Metodoloġiji tagħhom. Hawn tista' taqbad diskussjoni dwar aspetti differenti tal-implimentazzjoni tal-ECVET, pereżempju definizzjoni ta' kwalifikazzjonijiet u riżultati tat-tagħlim, kif tiżviluppa junits b'riżultati tat-tagħlim, kif tikteb riżultati tat-tagħlim, assessjar ta' riżultati tat-tagħlim, allokazzjoni tal-punti tal-ECVET, sħubija għall-ECVET, dokumenti tal-ECVET.
http://www.discuss-community.eu/community/groups/viewgroup/35-ecvet-european-credit-transfer-and-accumulation-system.html

### Preżentazzjoni tal-proġett f'Ateni kors ta' taħriġ tal-EQF u l-ECVET

IDEC organizzat serje tal-kors ta' taħriġ "Il-Qafas tal-Kwalifikazzjoni Ewropea u ECVET" f'Piraeus mis-17 sal-21/10/2016, u attendew għalih tmien rappreżentanti ta' NAVET (National Agency of VET- Bulgarija). L-għalliema tal-kors kienet is-Sinjura Natassa Kazantzidou. Matul il-kors il-proġett ECVET Permit ġie ppreżentat bħal studju ta' każ, u l-manwal tal-għalliem tal-ECVET Permit tqassam lill-parteċipanti u ntuża bħala ktieb ta' referenza. Rappreżentanti tan-NAVET żaru l-EOPPEP (Organizzazzjoni Nazzjonali Griega għall-Kwalifikazzjonijiet u Gwida Vokazzjonali) u tħaddtu dwar l-esperjenzi ta' kif sejrin l-affarijiet fiż-żewġ pajjiżi rigward l-EQF u l-ECVET. Il-parteċipanti kienu interessati ħafna fit-taħriġ għax kellhom ċans jesploraw l-ECVET minn għajnejn l-għalliema, u l-iżvilupp tal-programmi ta' taħriġ, li hu tassew utli għax-xogħol tagħhom fl-iżvilupp tal-kwalifikazzjonijiet nazzjonali.






*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

ecvet permit

# Testimonjanzi mill-Imsieħba Rigward l-Implimentazzjoni tal-ECVET PERMIT

## Ċipru

Wara esperjenza ta' ħafna snin f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-għodda ECVET, kemm f'livell Ewropew bħala membru tal-ECVET User Group u kemm f'livell nazzjonali bħala membru tal-ECVET Experts Team, jiena tassew konvint mill-benefiċċji multipli tal-ECVET għal dak li hu modernizzazzjoni u progress tal-qasam tal-VET. Il-proċess tat-tagħlim wera biċ-ċar il-benefiċċji fl-użu tal-prinċipji tal-ECVET, imma wkoll il-ħtieġa ta' "irfinatura" tar-rwol tal-ECVET fid-dawl tal-Għodda u l-Istrumenti Ewropej l-oħra. Fl-istess ħin hu importanti li wieħed jinnota li l-ECVET ma jistax jiffunzjona bis-sħiħ jekk l-Istati Membri ma jfittxux malajr li jimplimentaw dawn il-miżuri u l-kundizzjonijiet neċessarji:

1. Żvilupp tal-NQF (Qafas tal-Kwalifikazzjonijiet Nazzjonali)
2. Implimentazzjoni ta' miżuri tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-forom kollha ta' edukazzjoni (formali, mhux formali u informali)
3. Żvilupp tal-mekkaniżmu għall-validizzjoni tat-tagħlim formali u informali
4. Deskrizzjoni tal-kwalifika skont ir-riżultati tat-tagħlim
5. Implimentazzjoni tal-proċeduri u l-qafas legali għal mogħdijiet flessibbli.

**Dr. Stylianos Mavromoustakos**
*Executive Director Intercollege*
*Vice President of the European forum for Technical Education and Training (EfVET)*

................................................

Abbażi tal-esperjenza u minn dak li tgħallem mill-ECVET PERMIT, u waqt li għaraf il-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-ECVET, il-maniġment taċ-Ċentru tal-Produttività ta' Ċipru qattagħha li jipproċedi bil-konverżjoni tal-programmi ta' taħriġ vokazzjonali kollha tiegħu skont l-istruttura tar-riżultati tat-tagħlim. Dan il-proċess mistenni li jinbeda u jitlesta fl-2017.

**Dr. George Horattas**
*Productivity Officer A΄*
*Coordinator of Technical Vocational Training Sector*
*Cyprus Productivity Centre*
*Ministry of Labour, Welfare and Social Insurance*

................................................

Il-parteċipazzjoni tiegħi fil-proġett tal-ECVET PERMIT tfisser l-ewwel esperjenza tiegħi, u nittama mhix l-aħħar, fi proġetti bħal dawn. Kienet esperjenza tal-għaġeb, kemm għal dak li tgħallimt u l-għarfien dwar materji importanti u kemm aktar għal dik li hi koperazzjoni u kolloborazzjoni ma' nies li għandhom ambizzjoni, għerf u rieda li jirnexxu biex jipproduċu riżultati li jkollhom impatt prożittiv f'livell Ewropew. Filwaqt li tagħraf l-importanza ta' għodod Ewropej bħalma hu l-ECVET, għal dak li hu trasferibbiltà u mobilità, HRDA se tipproċedi bir-reviżjoni u bl-iżvilupp ta' Standards eżisteni u ġodda ta' Kwalifikazzjonijiet Vokazzjonali bbażati fuq riżutati tat-tagħlim u l-metodoloġija tal-ECVET, u jien se nipparteċipa bil-qalb billi naħdem biex nara din il-bidla.

**Stella Philippou,** B.A (Econ), M.Sc (Monetary and Financial Economics)
*Human Resource Officer, HRDA*

## Malta

Stimulanti! Sfidanti! Kreattiva!

L-esperjenza tiegħi tal-ECVET tissarraf f'dawn it-tliet kelmiet; project li jħajrek u li hu mmexxi minn grupp ta' msieħba ġejjin minn madwar l-Ewropa. L-isfond diversifikat tal-parteċipanti kellu ħila jiffaċilita l-proċess ta' permjabilità u trasferibilità ta' junits ta' tagħlim lil hinn mill-fruntieri ta' studji ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali

Id-determininazzjoni li jiġu kkreati mekkaniżmi li jaħdmu biex jiffaċilitaw dan il-proċess kienu mument tajjeb li jgħaqqad daqs il-ħeġġa Mediterranja f'demmna, li ntweriet tassew bil-mod ta' kif ingħaqadna bejnietna. Id-diskussjonijiet proattivi u l-kritika strutturata għenu biex jiġu identifikati d-diffikultajiet, bħalma kienu r-rakkomandazzjonijiet biex jinkoraġġixxu dawk li jfasslu l-politka biex jixprunaw kretti marbuta ma' programmi tal-VET bil-għan ewlieni li jiġi implimentat l-ECVET.

Waqt li ġejja minn Dipartimenti tal-Kurrikulu u tal-Assigurazzjoni tal-Kwalità strutturalment b'saħħithom fi ħdan l-MCAST, li l-programmi ta' studju tagħhom (livelli 1-7) huma kollha akkreditati, ħassejtni komda nagħti sehmi sewwa fid-diskussjonijiet li nqalgħu kif ukoll insib mod kif nirrikonoxxi kull esperjenza ta' matul il-ħajja u niffaċilta l-mobilità għal min ikun jitgħallem.

**Veronica Sultana,** B.Sc., M.Sc., PGCE
*National ECVET Expert*
*MCAST Vocational Teacher Training Unit Coordinator*

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

Bħala l-amministratur tal-proġett għat-tim Malti stajt nara mill-qrib kif l-ECVET jista' jiddaħħal u jiġi implimentat f'żewġ pajjiżi differenti. Bla dubju, ir-riżultati pożittivi miksuba ma setgħux ikun possibbli mingħajr l-ħidma sħiħa ta' bejnietna, mhux biss mit-tim lokali imma mill-professjonisti kollha f'dan il-proġett. Kienet esperjenza fejjieda li minnha se naħdem fuq in-netwerking għal aktar opportunitajiet ta' tagħlim mal-imsieħba involuti.

**Joshua Bugeja,** *B.Sc., M.Sc., PGC in VET*
*Subject Coordinator (IT)*
*MCAST Institute of Engineering and Transport (IET)*

................................................

Filwaqt li pparteċipajt f'dan il-proġett kolloborattiv sirt aktar konxju tal-kumplessi involuti biex tirregola proċeduri ta' istituzzjonijiet edukattivi differenti ma' miri komuni. Billi ġej primarjament mill-qasam tekniku, kienet tassew esperjenza li tgħallimt minnha minħabba li din id-diskussjoni u l-kollaborazzjoni f'livell amministrattiv kienet kollha kemm hi ġdida. Maz-zmien stajt nara li l-ideat bdew jintegraw, u fl-aħħar kull imsieħeb kellu sens qawwi ta' dawk il-fatturi li qegħdin fin-nofs u li għandhom jitneħħew biex jiġu żviluppati mekkaniżmi li jiffaċilitaw il-permjabilità u t-trasferibilità ta' junits ta' riżultati tat-tagħlim tal-ECVET. L-isfidi ġegħluni napprezza aktar is-sistema tal-ECVET li nużaw bħalissa l-Kulleġġ tagħna.

**Ing Jeremy Scerri,** *B. Eng. (Hons.), M. Eng. (Comm.)*
*Senior Lecturer & Coordinator of Part Time Programmes*
*MCAST Institute of Engineering and Transport*

................................................

Meta staqsewni biex naħdem fuq il-proġett ECVET PERMIT ma kellix esperjenza naħdem ma' msieħba internazzjonali. Fi ħdan il-kuntest Malti, is-sistema li tiżviluppa junits ta' tagħlim f'sistema bbażata fuq riżultati ta' tagħlim diġà teżisti u jien kont diġà ktieb junits f'dan il-format. Madanakollu din l-esperjenza tagħtni l-opportunità nara stampa aħjar tas-sistema tal-ECVET tuża r-riżultati tat-tagħlim. Fl-istess ħin it-taħriġ li sar f'dan il-proġett u d-dettalji diskussi għenuni ntejjeb il-ħiliet tiegħi.

Dan il-proġett tagħni wkoll l-opportunità li naħdem ma' msieħba barranin u nifhem l-ambjent tax-xogħol tagħhom.

Nittama li l-benefiċċji tal-outcomes ta' dan il-proġett jiddaħħlu mhux biss fl-istituzzjonijiet tal-imsieħba imma wkoll f'istitutzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali oħra għall-ġid tal-istudent.

**Marjohn Demanuele**
*MCAST Lecturer*

## Greċja

It-tim tal-ECVET mid-Delta Vocational Training Institute kellu sfida qawwija b'dan il-proġett. Il-koperazzjoni bejn l-imsieħba differenti kienet siewja ħafna. Bl-għajnuna ta' assoċjazzjonijiet professjonali u nies mill-industrija, intlaħaq kunsens komuni dwar il-valur tal-metodoloġija tal-ECVET. In-nuqqas ta' metodoloġija tal-ECVET għall-Istituti ta' Taħriġ Vokazzjonali fil-Greċja tana l-opportunità biex niżviluppaw materjal tal-ECVET filwaqt li għamel lid-Delta organizzazzjoni pijuniera għal studji tal-VET fil-Greċja. Il-programmi ta' studju riveduti ġew ippreżentati lil konferenza tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn intwera interess kbir. Dawn il-programmi ġodda b'titjib fil-kwalità u r-relevanza se jintużaw fl-istituzzjoni tagħna mil-lum 'il quddiem.

**Dr. Konstantinos N. Kiousis**
*Academic Director*
*Vocational Training Institute (IIEK) Delta*

................................................

Ħdimt fuq ECVET għal ħafna snin fuq proġetti differenti. L-ECVET Permit tani l-opportunità li nidħol fil-fond u nilqa' l-isfidi tat-trasferiment tar-riżultati tat-tagħlim minn VET mhux formali għal formali. Kien vjaġġ sabiħ ta' tagħlim, ma' msieħba eċċellenti. Moħħni biex nara meta tmiss sfida oħra.

**Natassa Kazantzidou,** *MEng, MSc,*
*ECVET expert*
*IDEC SA*

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*

ecvet permit

## Attivitajiet li se jsiru dwar il-proġett

### Workshop Nazzjonali Grieg

IDEC se jorganizzaw il-workshop nazzjonali Grieg fis-6 u s-7 ta' Diċembru 2016. Din hi attività ta' jumejn li tikkonsisti f'webinar ta' siegħa fis-6 ta' Diċembru u workshop fis-7 ta' Diċembru.

Il-webinar se jsir bl-Ingliż bl-użu tal-dlearn.eu platform, u miftuħ għal kull min hu interessat fl-ECVET. L-għan tal-webinar hu biex jippreżenta l-proġett tal-ECVET Permit u l-qafas u l-prinċipji bażiċi tal-ECVET. Wieħed ikun jista' jsib onlajn il-vidjo tal-webinar.

Il-workshop se jlaqqa' 10 parteċipanti u għalliema minn IEKs u KEKs (VET post-sekondarju u edukazzjoni għall-adulti). L-għan hu li tippreżenta l-metodoloġija tal-ECVET Permit għat-trasferiment bejn kuntest ta' tagħlim mhux formali għal formali, biex tipprattika konverżjoni ta' programmi ta' studju għall-junits ta' riżultati tat-tagħlim tal-ECVET u biex tistimula metodoloġija ta' trasferiment u akkumulazzjoni ta' Riżultati tat-Tagħlim. Is-Sinjura Natassa Kazantzidou se tkun l-għalliema fiż-żewġ attivitajiet ta' tagħlim.

### Workshop Nazzjonali Malti

L-MCAST ħa l-opportunità offruta mill-workshops nazzjonali tal-ECVET PERMIT biex janalizza aktar u jittrenja l-istaff fl-oqsma speċjalizzati tal-assigurazzjoni tal-assessjar u l-kwalità fid-dawl ta' junits speċifikati mill-MQF, EQF u ECVET.

Il-laqgħa għarblet ir-rwol tal-verifikatur, il-kitba tal-assessjar u l-aċċessibilità kif ukoll verifikazzjoni, dokumentazzjoni u proċeduri. Matul il-workshops il-membri ddedikaw ħin biex jiżviluppaw lista ta' punti għall-verifikazzjoni, jiddiskutu l-użu ta' rubriki, il-livell ta' standardizzazzjoni kif ukoll x'taħriġ hu meħtieġ għal sessjonijiet fil-futur.

### Parteċipazzjoni f'Seminar tal-ECVET fuq jumejn, Nikosija, Ċipru

Seminar ECVET "Minn kwalifikazzjoni bbażata fuq junit għal programmi ta' taħriġ li jużaw il-prinċipji tal-ECVET".

Il-proġett tal-ECVET Permit se jkun ippreżentat fis-seminar tal-ECVET li se jsir Nikosija, Ċipru fis-7 u t-8 ta' Diċembru 2016. Is-seminar ta' jumejn qiegħed jiġi organizzat mill-Foundation for the Management of European Lifelong Learning Programmes (IΔΕΠ), u hu kontinwazzjoni tas-seminar tas-sena l-oħra bit-titlu «How to design qualifications with units of Learning Outcomes, according to ECVET principles». Il-proġett tal-ECVET Permit se jkun ippreżentat kif ġej:

Il-passi ewlenin tal-Metodoloġija tal-ECVET Permit: Kif timplimenta l-ECVET għall-permjabilità u trasferibilità bejn dawk li jipprovdu VET formali u mhux formali. (Louiza Papaloizou, Intercollege)

Eżempji ta' ħolqien tal-kundizzjonijiet neċessarji għal permjabilità u trasferibilità fi ħdan is-settur tal-VET formali u mhux formali:

- Studju ta' każ fl-Inġinerija Awtomotiva (Dr Anfreas Loizou, Intercollege & Philippos Philippou, CPC)
- Studju ta' każ fil-Paming (George Philippides, Intercollege & Dimitris Kitsios, CPC)

Barra l-preżentazzjonijiet, l-għalliem tal-ECVET Permit, is-Sinjura Yianna Orphanidou se tkun waħda minn dawk li jgħinu waqt is-seminar u tassisti waqt il-workshops.

Erasmus+

*Dan il-proġett ġie ffinanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea. Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-fehmiet tal-awtur, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal xi użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fl-istess pubblikazzjoni. Numru tal-Ftehim: 2014-1-CY01-KA202-000276*